**Kap: 3**

# U DAX-XJATEN
# MIN HUMA?

**"Il-qawwa tax-xitan m'hijiex bla qjies. Hu biss hliqa, setghani ghax spirtu pur, imam dejjem hliqa…."**

**(Katekizmu n.395)**



**U l-Mulej wiegeb lix-Xitan:**
**'Ara, kull ma ghandu (Gob) f'idejk. Biss terfax idejk fuqu.'**
**U x-Xitan telaq minn quddiem il-Mulej.**

**(Gob 1:12)**

Fil-MaIti ghandna zewg kelmiet biex nindikaw lil dan l-ghadu taghna: *xitan* li hi l-kelma semitika u *demonju*, kelma mislufa mill-Isqalli.

Il-kelma *xitan* gejja mill-Gharbi xajtan, li tfisser qarrieq. Fil-Lhudi ghanda satana.Biex inkunu izjed ezatti ix-xitan huwa l-inkarnazzjoni tal-hzunija filwaqt li Satana jfisser l-ghadu t'Alla u tal-bniedem (1).Il-kelma demonju gejja mill-kelma ekklesjastika latina daemonium, permezz tal-grieg daimon (mahmug) jew daimonion (divin).

Fil-MaIti dawn il-kelmiet nuzawhom spiss biex infissru xi haga jew xi hadd li hu hazin. Nghidu bhala ezempju: "ix-xitan u s-salib ma joqoghdux flimkien ", jew inkella "ghandu x-xjaten f'gismu " biex infissru li xi hadd huwa mqareb!

Kultant nghidu wkoll "xitan ta' ragel", jew "ta' mara".

Biex ninsulentaw persuna nghidulha illi "tibla l-ostji u taghmel ix-xjaten".

Meta nkunu nbatu bis-shana mimentaw u nghidu: "illum shana tax-xjaten".

U meta xi hadd itellaghhomli, malajr nghidlu "mur ghand ix-xjaten! "

U jekk haga ddejjaqna, l-espressjoni taghna hi sikwit: "Ix-xjaten!"

Espressjonijiet ohra li nsibu fil-MaIti huma: "Xix-xjaten qed jaghmel?"

U meta rridu nfissru li xi hadd iffissa fuq xi haga, nghidu:

"ghandu (jew dahallu) xi xitan frasu".

F'mumenti ohrajn ta' rabja, nesprimu ruhna hekk: "narra x-xjaten tiehdu" jew "bghattu ghand ix-xjaten". U meta xi hadd jinkwetani, malajr intih titlu: "dak demonju".

Kelma ohra li kultant nuzaw ghax-xitan hija ghafrit (plural

ghefieret) (Gharbi ghifrit).

Xi drabi nuzaw certi ewfemizmi kif ukoll terminologija umoristika biex nitkellmu dwar dan l-ghadu taghna.

Hemm min isejjahlu *Karfusu* (Gharbi *karfasa* - imfixkel fil-mixi); *ta' barra minn hawn; ta' taht San Mikiel', ta' denbu twil-Brejbes.*

Persuna kattiva sikwit insejhulha *Lucifru,* u meta l-persuna hi wahda li ggibiek l-inkwiet, insejhulha *ix-xitan iz.-zopp* (2).

Proverbji Maltin

Fil-MaIti ghandna diversi proverbji li normalment gejjin mill-Isqalli Jew mit-Taljan. Fost dawn insemmu:

*Ix-xitan jaghmel il-borom u majaghmilx ghotjien.* B'dan irridu nfissru li l-ewwel ihajrek ghal xi haga u mbaghad ihallik ghal rihek.
Zewg proverbji interessanti huma: *"Ix-xitan jahleb bla moghza"* u l-iehor *"Ix-xitan m'ghandux halib u jaghmel il-gbejniet".* Dawn ifissru li x-xitan jaf jipprofitta ruhu minn kull cirkustanza ghall-vantagg tieghu. Nesprimu ruhna b'dan il-mod meta tigrilna xihaga li ma nkunux qed nistennewha f'elf sena.
*"'Ix-xitan jibza mill-ilma mbierek"* huwa proverbju iehor li nuzawh meta zewg persuni ma jkunux jaqblu flimkien.
Hidma tax-xitan hija u tibqa' dejjem dik li jtellef kull opra tajba, u dan nesprimuh bil-proverbju: *"Fejn Alla jibni Knisja ix-xitan jibni kappella"* (3).

## Kif issejjahlu l-Bibbja?

**Lucifru -** Isaija juza dan l-isem ghal princep ta' Babilonja li kien mikul mis-suppervja u l-kburija tant li kien jimmaginah ugwali ghal Alla.

*"Mis-smewwiet kif iggarraft,*
*int il-kewkba ta' fil-ghodu, bin iz-zerniq!* (Lucifru)
*Kif stabatt ma' l-art.*
*int li l-gnus kont tfarrak!" (Is 14:12)*

Is-Santi Padri kif ukoll it-tradizzjoni nisranija adottaw dan l-isem ghax-xitan, imma proprjament mhux isem proprju tax-xitan moghti lilu fl-Iskrittura.

**Satana -** Il-kelma tfisser *ghadu, akkuzatur, xewwiexi.* Difatti Satana huwa dak li jakkuzana quddiem Alla bhala persuni mhux accettabbli. Wara li jmexxina lejn id-dnub, imbaghad jitfghu ma' wiccna u jakkuzana bih. L-isem hu wzat ukoll ghall-bnedmin fis-sens ta' xewwiexa (ez. 7 *Sam 29:4; 1 Slat 11:14).*

Tliet testi importanti fit-Testment il-Qadim, fejn il-kelma hi wzata ghax-xitan, huma:
*Gob kap. 1 u 2* - fejn Satana jidher quddiem Alla u jitlob **il-**permess biex iwaqqa' lil Gob.
*Zakk 3: Jss* - fejn Satana jipprova jikkalunnja u jixli lil Gozwe.
*1 Kron 21:1* - fejn Satana jittanta lil David biex jaghmel ic-censiment.

Ta' min jinnota illi *Satan* hija l-kelma *Ebrajka,* illi mbaghad hija tradotta fil-Grieg bil-kelma *daibolos* (bil-Franciz *diable,* bl-Ingliz *devil).*
Il-kelma *"xitan"* nsibuha fil-Bibbja 39 darba, *"Satana"* 36 darba, *"Demonju* Jew *demonji"* 63 darba, li minnhom 53 fl-Evangeiji (4).

**Serpent - Dragun**

*"U gie mwaddab **id-Dragun il-kbir** is-Serp tal-qedem*

*li hu msejjah id-Demonju u x-Xitan, il-qarrieq tad-dinja kollha..." (Apok 12:9)*

*Ix-Xitan* (= kalunnjatur), i*d-Demonju* (= ispiratur, li jiddubitani mit-tajjeb), *Satana* (= ghadu) ta' spiss fil-Bibbja huwa msejjah *serpent* u *dragun.* F'hafna religjonijiet primittivi, id-dragun hu meqjus bhala s-simbolu tal-hazen. Hawn certament ghandna lingwagg li ghandu rabta mal-figura mitika tal-Babilonja Tiamat. Id-dragun fil-mitologija hu mpingi bhala bhima monstru, li ggib tifrik u biza' kullimkien, filwaqt li tfittex tibia' l-bniedem. L-Apokalissi jpingi d-dragun bhala bhima "... *lewn in-nar, b'sebat 'irjus u ghaxart iqrun u b'seba' djademi fuq irjusa" (Apok. 12:3)*

**Abaddon** Jew **Apolljon** - ix-xitan hu wkoll imsejjah b'dawn l-ismijiet:

*"U fuqhom kellhom bhala sultan taghhom*
*l-Anglu tal-bir bla qiegh,*
*li ismu bil-Lhudi hu "Abaddon*
*u bil-Grieg Apolljon" (Apok 9:11)*

**Beljar** - hu isem li San Pawl jaghti lix-xitan. Huwa alla falz. It-tifsira vera hija oskura. Probabilment ifisser "dak li ma jiswiex".

*"Xi ftehim hemm bejn Kristu u Beljar ix-xitan?*
*Jew x'ghandu x'jaqsam minjemmen*
*ma' min ma jemminx? " (2 Kor 6:15)*

**Beghelzebul** - Jew *Begheliebub.* Il-Farizej kienu jsejhu lil *Beghelzebul* "princep tax-xjaten" kif insibu fl-Evangelji *Mt. 10:25;* 12:26 u *Lk 11:15.* Fir-realta, *Beghelzebul* huwa divinita pagana, li kienu jqimuh fil-belt tal-Filistin, *Akkaron* (ara 2 *Slat* 7:2) u li fil-fatt jikkorrispondi ghal **Baal** il-princep, illi dejjem sahhar ghal warajh xi ftit lil-Lhud. Din id-divinita kienet meqjuma ghall-bzonnijiet kollha, mqar kontra d-dubbien u l-hmieg tal-bhejjem: "zebul", li minnu gej Beghelzebul.

*"Imma l-Farziej, meta semghu hekk, qalu:*
*'Dan mhux hlief bis-sahha ta' Beghelzebul,*
*il-Princep tax-xjaten,*
*li qieghed ikecci x-xjaten'" (Mt 12:24)*

**Ghadu** - hekk isejjahlu lix-xitan San Mattew:

"... *u I-ghadu li ieraghha huwa x-xitan" (Mt 13:39)*

**Lvversarju -** huwa l-isem li bih isejjahlu San Pietru. *"Kunu meqjusa u ghassu. L-avversarju* (ghadu) *taghkom ix-xitan qisu ljun jghajjat idur u jfittex 'il min sajibia'" (1 Piet 5:8)*

**Akkuzatur** - dak li jipprova jixlina u jakkuzana:

"... *ghax twaddab 'il barra* ***dak*** *li jixli 'I hutna" (Apok 12:10)*

**Qattiel** - Il-karattru distruttiv tax-xitan hu diga car bl-isem li jaghtih San Gwann fl-Apokalissi: *Apolljon (9:11).* Il-kelma letteralment tfisser "qattiel, wiehed li jiddistruggi". Fil-Genesi nsibuh diga bhala dak li bi htija tieghu dahlu l-mewt u d-dnub *(Gen. 3).*

**Giddieb** - hekk isejjahlu San Gwann:

*"Meta jigdeb, ikun qiegħed jitkellem talli hu, għax dak giddieb u missier il-gideb" (Gw 8:44).*

**Anglu tad-Dawl** - Bosta drabi fil-qerq tiegħu jinbidel f'anglu biex jizvijana. Mhix l-ewwel darba li jipprezentaiek il-haga bhala tajba biex jiddistrajik minn Kristu. Hu ghalhekk li San Pawl isejjahlu hekk:

*"Mhux ghageb, ghax Satana stess jitbiddel f'anglu tad-dawl" (2 Kor 11:14).*

**Ljun** jghajjat - irrabjat, ifittex li jizbranana. *"Kunu meqjusa u ghassu. L-ghadu taghkom ix-xitan qisu ljun* jghajjat *idur u jfittex 'il min se jibia'" (1 Piet 5:8).*

**Qarrieq -** Ara kif issejjahlu l-Iskrittura:

"... *il-qarrieq tad-dinja kollha, kien imwaddab ghalfuq l-art..." (Apok. 12:9;* ara 2 *Kor 11:3).*

**Kap tas-Saltna ta'l-Ajru** - dan hu titlu kurjuz hafna li nsibuh f'San Pawl. Hawn wiehed irid jaqra din l-espressjoni fil-kosmologija ta' l-antik. F'lingwagg popolari, ahna nimmaginaw l-infem bhallikieku kien x'imkien '1 isfel, fil-qiegh. Fi zmien San Pawl il-mentalita kienet diversa. Is-saltna tax-xitan kienu jimmaginawha bejn is-sema u l-art; mela fl-arja. Kienu dawn l-abissi li minnhom jitkellem San Luqa:

*"U bedajitolbu biex ma jordnalhomx imorru fl-abiss" (Lk 8:31).* Dan l-abiss huwa l-arja. Ghalhekk San Pawl jghid:
*"il-glieda taghna* (hija) *kontra*
*l-ispirti hiiena li jghammru fil-wisa' tas-smewwiet"*
*(Ef. 6:12).* U lix-xitan isejjahlu \-*"Kap tas-Saltna **ta'** l-Ajru" (Ef 2:2).*

**Princep ta' din id-Dinja** - Ghal tliet darbiet San Gwann isejjah lix-xitan *"Princep ta' din id-dinja"*

*"Issa se jitkecca l-princep ta' din id-dinja" (Gw 12:31;* ara *14:30; 16:11)*

L-istess San Gwann jghid car u tond illi d-dinja kollha tinsab taht idejn il-Hazin *(1 Gw 5:19).* U San Pawl isejjahlu \-*"alla ta' din id-dinja" (2 Kor 4:4).*
Certament, meta wiehed jara dinja mgharrqa fid-dnub tad-droga, prostituzzjoni, xorb, kriminalita, korruzzjoni, serq u l-bqija, ma tantx insibuha bi tqila biex nifhmu **li** tassew Satana hu l-nrincep ta' din id-dinja!

**Tentatur** - Mhux ta' b'xejn li l-Bibbja ssejjah lix-xitan *tentatur,* ehaliex il-hidma tieghu kienet min dejjem dik li jittanta biex iwaqqa'. Bizzejjed naqraw l-istorja ta' Gob fl-Antik Testment u ta' Gesu fid-dezert (ara *Mt 4:3; 1 Tess 3:5).*

**Antikrist** - Bir-ragun kollu San Gwann isejjah lix-xitan Antikrist. *"U kull spirtu, li ma jistqarrx Hl Gesu, m'huwiex minn Alla;*
*dan hu l-ispirtu ta' l-antikrist..." (1 Gw 4:3;* ara 2 ***Gw*** *7).*

**Anglu ta' l-Abissi** - Jew izjed ezattament:

*"ufuqhom kellhom bhala sultan taghhom **l-Anglu** tal-bir bla qiegh..." (Apok 9:11).*

**Il-Hazin** - Satana huwa l-hazen fil-quccata tieghu u sikwit fil-Bibbja hu semplicement imsejjah: *il-Hazin* (ara Mr *19:38; 13:19,38; 2 Tess 3:3; 1 Gw 5:19; Ef6:16).* It-tmiem tat-Talba tal-Missiema:
"*... Hda ehlisna minn kull deni"* fir-realta tfisser *"ehlisna mill-provi kollha li jpoggi quddiemna l-Hazin"* li hu x-xitan.

**Iben Alla -** Dan huwa titlu kurjuz hafna. Fil-fatt insibuh f'Gob:
*"Gara darba li wlied Alla resqu quddiem il-Mulej, ufosthom gie \vkoll ix-Xitan" (Gob 1:6).* Bla dubju ta' xejn dan l-isem jirreferi ghall-origni tax-xitan. Huwa gie mahluq minn Alla bhala anglu tajjeb. Kien imbaghad id-dnub li ghamel minnu anglu hazin, maqtugh minn Alla.

## Minn fejn inholoq ix-Xitan?!

Il-bniedem minn dejjem ghamel **din il-mistoqsija u staqsa:**

imma kif jista' jkun li f'dinja hekk sabiha, **mahluqa minn** Alla hekk tajjeb, jinholoq ix-xitan, li jkerrah l-univers bil-hzunija tieghu?
Hemm tliet twegibiet possibbli.

L-ewwel twegiba hi dik tad-dinja kritika li zzomm li l-istorja tax-xitan hija hrafa mitologika mahluqa mill-istess bniedem biex jaghti tifsira ghall-hazen, mard u mewt li hawn madwarna. Mela skond dawn, ix-xitan ma jezistix tassew bhala persuna, imma jezisti biss fil-mohh ta' l-injurant.

Ohrajn jahsbu li x-xitan minn dejjem ezista bhala Principju oppost ghal Alla. Jezistu zewg allat, wiehed tat-Tajjeb u l-iehor tal-Hazin. Dawn huma dejjem f'oppozizzjoni bejniethom, donnhom il-Gvern u l-Oppozizzjoni fil-Parlament. Hafna religjonijiet antiki jzommu din it-teorija. Din id-duttrina hija kuntrarja ghal dik li nsibu fil-Bibbja, fejn hu eskluz kull dwalizmu. Kulma hu mahluq hu taht il-hakma ta' Alla Wiehed.

It-tielet possibilta - li fil-fatt hija d-duttrina li nzommu bbazata fuq il-Bibbja u t-taghlim tal-Knisja - hi li Alla halaq l-univers shih, sew dak spiritwali (angli) kif ukoll dak materjali (fosthom id-dinja u l-bniedem). Fil-bidu kollox kien tajjeb ghax xejn ma jista' johrog hazin minn idejn Alla. Ix-xitan li kien anglu mimli doni u sbuhija, imtela b'suppervja u ribelljoni u hadha kontra Alla. Minn hawn beda l-hazen... inholoq l-infern... bdiet il-qerda...
Bir-ragun kollu Isaija jghid: *"Jien il-Mulej, mhemmx iehor hliefi... Jien sawwart id-dawl u hlaqt id-dlam; jien naghmel ir-risq u nahlaq id-deni; jien Jahweh, li naghmel dan kollu" (Is 45:6-7).* Hu lingwagg li juri li Jahweh biss hu s-Sinjur ta' kollox, u ma jezisti hadd izjed f'kompetizzjoni mieghu (ara wkoll *Amos 3:6).*

M'huwiex daqshekk facli li nkunu certi dwar kif l-angli tajbin saru angli hziena, jew ahjar xjaten. Forsi wiehed mit-testi l-aktar cari huwa dak ta' *Luqa 10:18,* meta Gesu jesklama u jghid: *"Iva, jien kont narah lix-Xitan, jaqa' bhal berqa mis-sema ".* Xi jfisser dan? Ifisser li Gesu qed jalludi ghall-waqgha tax-Xitan meta fis-sema ssuppervja u hadha kontra Alla? Jew qed jghid hawn lid-dixxipli, li rritornaw

ferhanin, li mqar ix-xjaten joqoghdu ghalihom, u li ghandhom ikunu fiducjuzi u ferhanin ghaliex lix-xitan qed jarah mirbuh mill-istess setgha li hu ta lilhom? Fi ftit kliem, hu difficli ninterpretaw b'sigurezza l-esklamazzjoni ta' Gesu bhala espressjoni li thares lejn il-passat izjed milli lejn il-prezent jew il-futur. Minn haga pero ahna certi: zgur li darba l-ghamara ta' Satana kienet is-sema u li hu waqa' minn stat ta' tgawdija ghal stat ta' tbatija. Tesprimi wkoll il-kelma ta' Gesu dwar gwerra... li saret... li ghadha sejra... li ghad trid tkompli... Hija wkoll haga certa li l-poplu t'Alla ghandu setgha fuq l-ghadu, u li ismijietna huma miktubin fil-genna, proprju l-post li Satana tilef. Ghaldaqstant is-sentenza ta' Luqa hija mimlija dawl biex nifhmu l-bidla ta' l-anglu tajjeb ghal anglu hazin.

Test iehor importanti huwa dak ta' l-Ittra ta' Pietru:

*"Jekk Alla ma hafirhiex lill-angli li dinbu, imma tefaghhom fil-hofor mudlama ta' l-infern biex hemm jinzammu sa jum il-gudizzju;*
*hekk ma hafirhiex lid-dinja tal-qedem..." (2 Piet 2:4).*

Interessanti wkoll it-test ta' Guda:
*"U lil dawk l-angli li ma bezghux ghal posthom*
*u telqu mnejn kienu jghammru,*
*huwa zammhom marbuta ghal dejjem fqiegh id-dlamijiet*
*ghall-haqq tal-jum il-kbir..." (Guda 6).*

Wiehed mit-testi l-aktar importanti hu bla dubju ta' xejn dak ta' l-Apokalissi, fejn ghandna l-istorja tal-glieda ta' San Mikiel kontra Lucifru.

*"Imbaghad qamet gwerra fis-sema:*
*Mikiel u l-angli tieghu jiggieldu mad-Dragun.*
*U d-Dragun u l-Angli tieghu tqabdu,*
*izda ma kellhomx hila jeghelbu,*
*u ma kienx hemm izjed post ghalihom fis-sema.*
*U gie mwaddab id-Dragun il-kbir, is-Serp tal-qedem,*
*U hu msejjah id-Demonju u x-Xitan, il-qarrieq tad-dinja kollha*
*kien imwaddab ghal fuq l-art,*
*u mieghu kienu mwaddba l-angli tieghu" (Apok. 12:7-9).*

**Ta'** min jghid illi din hija stampa apokalittika ta' l-insara ppersegwitati ta' l-ewwel seklu. L-iskop ta' San Gwann kien li jaghmel kuragg lill-insara quddiem il-persekuzzjoni li kienu qed igarrbu mill-politika ta' Ruma ta' dak iz-zmien. Madankollu, minghajr ma ngebbdu zzejjed it-test, zgur li minnu niehdu dawl shih dwar l-origni ta' Satana. Id-dinja, mqar dik politika, saret it-terren adatt ghalih biex ikompli l-gwerra, minkejja li hi diga gwerra mitlufa. Ghalkemm ftit li xejn nistghu nikkonkludu dwar it-tip ta' gwerra li saret fis-sema, jidher car li Satana u shabu tilfu l-istat ta' glorja li Alla halaqhom fih.

Test iehor li jingieb spiss biex nippruvaw l-origni ta' Satana hu dak li nsibu **f'Ezekjel.** Imma mqar hawn, kif fil-kaz ta' l-**Apokalissi,** attenti li ma ngebbduhx izzejjed. Il-lingwagg huwa poetiku u s-suggett tat-test hu misterjuz. Ezekjel f'din is-silta qed jipprofetizza dwar ix-xorti ta' **Tir** u dan jaghmlu fil-kapitii 26-28.

Tir kienet gzira famuza hafna tal-Fenici, u bla dubju dak iz-zmien kienet fost l-iktar ghanja u lussuzi kif ukoll qawwijin. Kienet tiddandan fuq saltniet ohrajn.

L-ewwel ghaxar versi ta' kap 28 jirreferu ghall-Princep ta' Tir, filwaqt li d-disa' versi ta' **wara** jirreferu ghar-Re ta' Tir**.**

Il-versi li jirreferu ghall**-Princep** joqoghdu sewwa ghall-bniedem, filwaqt li dawk uzati ghar-Re joqoghdu izjed ghal min mhux bniedem. Imma huwa l-istess spirtu hazin li jiddomina sew lill-princep kif ukoll lir-re. Iz-zewg testi ghandhom sbuhija kbira. Fihom wiehed jilmah malajr il-glieda kontra Alla l-Haj, sfida li ssib il-quccata f'Satana, li b'mod figurattiv jigi applikat ghalih it-test.

Fost l-ohrajn, hekk jinghad ghar-Re **ta' Tir:**

*"U gietni l-kelma tal-Mulej u qalli:*

*Bin Adam, ghanni l-lamentazzjoni ghas-sultan ta' Tir u ghidlu:*

*'Dan jghid Sidi l-Mulej: Int mibni kollok perfett, mimli gherf u kollok gmiel. Fil-Gheden, il-gnien ta' Alla kont, imdawwar b 'kull xorta ta' hagar prezzjuz;*

*sardu, topazju, djamant, krisoltu, onici,*

*djaspru, zaffir, rubin, zmerald.*

*Tad-deheb kienu l-gliegel tieghek, u l-gawhar* ***li kellek fuqek,***

*F'jum holqienek ghamluhomlok.*

*Lilek mal-kerubin bi gwenhajh miftuha, jien* ***ghamiltek ghassies.***

*Int kont fuq il-muntanja mqaddsa ta' Alla,*

*u kont timxi f'nofs il-hagar tan-nar.*

*Bla htija kont f'mixjietek sa minn holqienek,*

*sakemm ma nkixifx il-qerq tieghek.*

*Bil-kobor tan-negozju tieghek imtlejt bl-ingustizzja u* ***dnibt,***

*u jien warrabtek mill-muntanja ta' Alla,*

*u l-kerubin ghassies hargek minn qalb il-gamar tan-nar.*

*Qalbek tkabbret bil-gmiel tieghek;*

*hassart gherfek bi tlellixek. Jien sabbattek ma' l-art... *' (Eiek. 28:1l-17).*

Minkejja li t-test jirreferi direttament ghar-Re, madankollu l-alluzjoni ghall-waqgha ta' Satana hija cara. Huwa test madankollu li ghandu l-valur tieghu bhala konferma biss ta' testi ohrajn, izjed cari u li jirreferu direttament ghax-xitan.

*108*

Ezekjel jitkellem imbaghad **mill-Princep** fejn lejn dan ihares izjed bhala Bniedem:

*"U gietni l-kelma tal-Mulej u qalli:*
*'Bin Adam, ghid lill-princep ta' Tir:*
*Dan jghid Sidi l-Mulej:*
*Int tkabbart f qalbek u ghedt: 'Jien Alla! Jien qieghed fuq tron l-allat, f'nofs l-ibhra,' meta m'intix hlief bniedem, u mhux Alla;*
*u hsibt li gherfek hu gherf l-allat;*
*Arak! int eghref minn Danjel, ebda mohba ma hi mistura minnek:*
*b 'gherfek u b 'dehnek int staghnejt, hzint deheb u fidda fit-tezori tieghek. Bil-gherf kbir tieghek u bil-kummerc tieghek, kattart il- gidek u qalbek tkabbret b 'dan il-gid.*
*Ghalhekk dan jghid Sidi l-Mulej:*
*Talli hsibt li gherfek hu gherf l-allat, arani, se ngib fuqek il-barranin l-aktar nies horox fost il-popli, jisiltu x-xwabel taghhom*
*kontra l-gmiel ta' gherfek, u jzebilhulek sebhek.*
*Inzuluk fil-hofra, u tmut il-mewta iebsa tal-midrubin f'nofs ta' bahar.*
*Tibqa' tghid imbaghad: "Jien Alla', quddiem il-qattiela tieghek, meta m'intix hlief bniedem, u mhux Alla*
*f'idejn dawk li jidorbuk?" (Ezek. 1:9)*

Il-parallelizmu huwa car. Il-princep **ta'** Tir, supperv b'gherfu u gidu, imut. Imma wara dak il-princep, hemm re iehor, bl-istess karatteristici tieghu. Min hu dan ir-re? Lilna, fil-kaz taghna, hu dan ir-re li l-aktar jinteressana.

Kien... jghix f'intimita m'Alla, fuq il-gholja tal-Mulej, vicin kerubin. Kien kbir, gharef, bla htija, is-sinjal tal-perfezzjoni. Imma dan ir-"re" waqa', iggarraf, tkecca minn fuq il-muntanja tal-Mulej ill-istess kerubin li kellu hdejh. Ghaliex? Ghax qalbu tkabbret hi sbuhitu. Gherfu stess ikkorrompih. U Satana waqa'. Mieghu waqghu ohrajn. U Alla sabbtu ma' l-art'

It-test ta' **Isaija** jixbah lit dak ta' **Ezekjel:** imqar dan hu test misterjuz u poetiku. Din id-darba d-diskors jirreferi ghar-Re tal-Babilonja. Il-hakma ta' dan ir-re setaghni ser tigi mkissra u niitfugha mal-qiegha ta' l-art. **Isaija** hekk jesprimi ruhu*:*

*"Tnizzlet kburitek frt l-imwiet,*

*bid-daqq ta' l-arpi tieghek,*

*friexek tahtek it-tahsir u d-dud ghatietek.*

*Mis-smewwiet kif iggarraft,*

*int il-kewkba ta' filghodu, bin iz-zerniq!*

*Kif stabatt ma' l-art, int li l-gnus kont **tfarrak!***

*U int kont tghid f qalbek:*

*'Nitla' sas-smewwiet,*

*'Il fuq mill-kwiekeb ta' Alla,*

*it-tron tieghi ngholli*

*u nghammar fuq il-muntanja **ta' laqghat l-allat,***

*fi truf it-tramuntana.*

*Nitla' sa fuq qcacet is-shab,*

*insir nixbah lil Alla l-Gholi.*

*Imma issa arak imgarrab f'art l-imwiet,*

*F'qiegh il-ghammieq" (Is. 14:12-15).*

It-test ta' Isaija, filwaqt li jirreferi primarjament ghar-Re tal-Babilonja, kif dak ta' qablu jirreferi ghar-Re ta' Tir, ghandu tifsira izjed wiesgha. Din hija xi haga li nsibuha spiss fil-profeziji. Tibda tisma' dwar xi haga mmedjata, u malajr tinduna li din tkun qed tmexxik lejn **xi** haga ikbar. U dan sew rigward it-tajjeb kif ukoll rigward il-hazin. Per ezempju fis-Salmi nsibu bosta alluzjonijiet diretti ghar-Re David, imma b'mod car jidher li dawn ikunu qed jigbru fihom profezija dwar il-Messija. L-istess ghandna testi li jitkellmu direttament dwar il-hrug tal-poplu Ihudi mill-ezilju b'alluzjoni profetika cara dwar il-helsien ta' l-insara matul is-sekli. U dan nistghu nghiduh ukoll dwar it-testi sew ta' l-Apokalissi kif ukoll ta' Ezekjel u ta' Isaija. L-alluzjoni ghall-waqgha ta' Satana minn anglu sabih li tkabbar ghal xitan mwaddab f'qiegh l-infern hija cara. (5)

Bhala ezempju, xi Santi Padri, bhal **Tertulljanu** jemmnu illi l-kliem ta' Gesu dwar il-waqgha ta' Satana mis-sema huwa alluzjoni diretta ghal *Isaija 14:12.*

L-istess nghidu ghal kliem Guda:

*"dawk l-angli li ma beighux ghal posthom*

*u telqu mnejn kienu jghammru..." (Guda 6).* kif ukoll dawk ta' San Pawl:

*"Ma ghandux ikun \viehed li ghadu kif tghammed*

*li ma jmurx jimtela bih innifsu*

*u hekk jaqa' fil-kundanna tax-xitan" (1 Tim 3:6),* fejn it-testi biblici juru li qed jirreferu ghat-test ta' Isaija (6).

Intemm din il-parti dwar l-origni tax-xitan b'dak li jghid **Origene:** "Rigward ix-xitan u l-angli tieghu u l-qawwiet ghedewwa, it-taghlim tal-Knisja jzomm illi dawn l-essri jezistu tassew; imma kif huma u kif inhuma ma nafux b'mod car. L-opinjoni komuni, madankollu hi illi x-Xitan kien anglu; u, billi rribella, gibed ghal warajh numru kbir hafna biex jimxu warajh;
u dawn, mqar ilium, huma msejhin l-angli tieghu" (7).

**X'Kien id-Dnub ta' l-Angli?**

L-angli mill-bidunett gew imsejhin biex jagharfu u jhobbu l-verita, u dan b'mod perfett. L-imhabba li kienu msejhin ghaliha kienet pero' att liberu tal-volonta'. Ghalihom ukoll il-liberta kienet tfisser il-possibilta ta' l-ghazla favur jew kontra t-tajjeb li huma kienu jaghrfu (8). L-imhabba jekk mhix libera mhix imhabba. Tkun vera mhabba, ghax wiehed jaghzilha.

Bosta minn dawn l-angli ghazlu li ma jsegwux izjed il-Verita' u t-Tajjeb. Il-problema hi: imma kif setghu jaslu ghal din id-decizjoni?

Filosofikament mhux facli nispjegawha, meta nafu li l-hazen ma kienx jezisti u huma qatt ma kellhom esperjenza tieghu. Zgur illi huma ma waslux ghal din id-decizjoni wara serje ta' ragunamenti, dubji, perplessita u l-bqija, imma permezz ta' att uniku u instantanju tal-volonta taghhom, b'ghazla kompletament libera u definittiva (9). L-anglu majidnibx kif jidneb il-bniedem. Dan, minhabba li hu maghmul minn gisem u ruh, hafna drabi jigi mhajjar mill-hwejjeg materjali, u ghaldaqstant jidneb izjed imbuttat mill-passjoni milli mill-volonta li jaghmel il-hazin. Bhala ezempju, min jikkommetti adulterju, ordinarjament jaqa' ghax il-passjoni taghmih almenu parzjalment, minkejja li jaf li l-att li jkun ser jaghmel huwa hazin. Ghall-kuntrarju, id-dnub ta' l-angli ma kienx imdawwar mid-dghufija ta' natura mhassra jew esperjenzi ta' dnubiet ta' qabel. Huma dinbu b'ghazla shiha tal-volonta (10).

Id-dnub ta' l-angli gieb mieghu l-infern u d-dannazzjoni. Dan l-istat ta' dannazzjoni huwa etern. L-ostinazzjoni tax-xitan hija hekk kbira li mhux possibbli jirritorna minnha. Hu ma jasal qatt biex jitlob mahfra. Il-piena hija eterna ghax etern huwa d-dnub (11). Din id-duttrina hi u tifforma parti mit-taghlim kontinwu tal-Knisja (12). Ghalkemm hu difficli li naslu biex nifhmu b'mod ezawrjenti din il-verita, ta' min jghid illi meta hu l-ispirtu li jidneb, id-dnub tieghu jsir radikali fih ghax l-ghazla li jkun ghamel Jaghmilha bl-essenza kollha tieghu ta' spirtu li jaghraf u jrid. Minn mindu dinbu, l-angli hziena qatt ma kellhom mument li fih nidmu minn dak li ghamlu. Huma jridu d-dnub taghhom fis-shuhija kollha tieghu, minkejja t-tbatija li jikkawzalhom. Certament l- intelligenza taghhom tgharrafhom li ghamlu zball, imma l-volonta' tibqa' stabbli u pertinaci. Mhemmx ghaldaqstant cans li xi darba jindmu. Huma izjed milli mdawlin dwar id-dnub taghhom u l-gravita tieghu, imma huma decizi li jibqghu fih.
Skond il-logika ta' l-intelligenza taghhom, jifhmu perfettament li l-kastig li qed isofru huwa gust. Hu kastig li huma jsofruh b'rabja u dagha u mibeghda.
Li kieku huma kellhom jaslu biex jghidu lil Alla: "Mahfra Mulej", huwa certissimament jahfrilhom. Imma Satana mhu ser jasal qatt biex jumilja ruhu quddiem Alla, ghaliex kif diga ghedna, l-ispirtu meta jaghzel, jaghzel b'mod etern - ukoll jekk haga bhal din ma naslux biex nifhmuha bil-menti umana taghna (13).
Li kieku Alla kellu joffrilhom il-mahfra huma qatt ma jaslu biex jaccettawha. Hu important! li nifhmu li l-etemita' tal-piena mhix rizultat ta' xi nuqqas ta' hniena min-naha t'Alla, li fih mhemmx vendetta, imma hija biss rizultat tan-natura spiritika (14) li l-ghazliet taghmilhom b'mod etern.
L-angli hziena ghaldaqstant ma tilfux il-liberta taghhom wara d-dnub. L-attivita kerha u distruttrici li jaghmlu fid-dinja mal-bniedem hija prova ta' dan.
Naturalment, baqghet shiha fihom in-natura angelika taghhom bil-kwalitajiet specific! li kellhom qabel.

*Imma....fiex kien jikkonsisti konkretament id-dnub ta' Satana?* It-teorija l-aktar komuni fost it-teologi hija dik li Satana dineb minhabba s-suppervja.

L-Iskrittura tpoggielna s-suppervja quddiemna bhala l-gherq tad-dnubiet kollha.

*"Is-suppervja ggib qerda u dziordni kbir" (Tob 4:13). "Il-bidu tal-kburija hu d-dnub" (Sir 10:13).*

Bir-ragun kollu ghaldaqstant nahsbu li d-dnub ta' l-angli kien supervja, jew ahjar id-dnub ta' l-awto-idolatrija, fejn Satana u shabu xtaqu u ppretendew li jkunu daqs Alla. Ma nafux jekk l-angli l-hziena fittxewx il-perfezzjoni taghhom fihom infushom jew ippretendewhiex minghajr il-grazzja t'Alla. Hu x'inhu, fittxew l-awto-dipendenza mill-istess Hallieq taghhom.

Forsi ghalhekk San Pawl, meta jitkellem ma' Timotju **dwar l-**ghazla ta' l-isqof, jghidlu:

*"Ma ghandux ikun wiehed li ghadu ki ftghammed*
*li ma jmurx jimtela bih innifsu*
*u hekk jaqa' fil-kundanna tax-xitan" (1 **Tim** 3:6).*

Fost it-teologi hemm ideat diversi dwar id-dettaiji tas-suppervja ta' Lucifru. Uhud jahsbu li ppretenda li jiddomina fuq l-angli kollha b'mod dispotiku (15). Ohrajn jahsbu li ddisprezza lill-angli l-ohrajn u xtaq li jkun ugwali ghal Alla. Ried li l-angli l-ohrajn jadurawh bhala Alla (16).

Fid-dnub ta' l-angli bla dubju **ta'** xejn hemm il-pruzunzjoni, l-ambizzjoni, l-ghira u l-mibeghda. Huwa process ta' holoq fl-istess katina.

Interpretazzjoni interessanti u originali hija dik ta' **Suarez** li jghid li probabbilment id-dnub ta' Satana kien ix-xewqa u l-pretensjoni ta' ghaqda ipostatika mal-Verb, bl-istess mod kif il-Verb inghaqad ipostatikament man-natura umana. Naturalment hawn wiehed jissopponi li l-angli kienu jafu dwar il-misteru ta' l-Inkarnazzjoni. Kienet haga ghalihom ingusta li l-Verb jiehu natura wisq izjed baxxa minn dik taghhom. L-angli kollha rvellaw li l-Verb m'ghazilx in-natura angelika, imma ghazel dik umana (17).

Minbarra l-kotba biblici, ghandna f'idejna kotba apokrifi u apokalittici li bla dubju ta' xejn influwenzaw lil hafna dwar ideat xi ftit strambi, inkluz id-dnub ta' l-angli. Hafna minn din il-letteratura nkitbet bejn is-sena 200 Q.K. u s-sena 100 W.K. L-izjed famuzi fost dawn il-kotba nsibu *l-Ktieb ta' Enok, il-Ktieb tal-Gublewijiet, l-Assunzjoni ta' Mose, il-Kotba ta' Adam. u Eva* u l-*Ktieb* (kanoniku) *ta' Danjel.* (18)

Per ezempju *fil-Ktieb tal-Gublewijiet* (kap. 4-5) naqraw li Alla baghat l-angli fid-dinja biex jedukaw '1 ulied il-bnedmin. Sa dak iz-zmien lill-angli kienu ghadhom qatt ma gewhom hsebijiet zienja. Imma malli waslu fid-dinja, issahhru wara s-sbuhija tat-tfajliet tal-bnedmin u bdew jixtequhom, u hekk iddeffsu f'affarijiet li ma kellhomx jiddeffsu fihom. Dan l-indhil kien il-kagun tal-waqgha taghhom.

*Il-Ktieb ta' Enok jghid* li d-dnub ta' l-angli sar fi zmien **Jared,** missier Enok. L-angli thajru mit-tfajliet tad-dinja, u, b'mod li ma naslux biex infissru kif, dinbu maghhom sesswalment. Din il-kitba fantastika tfittex argumenti fil-Ktieb tal-Genesi, fejn naqraw:

*"U gara li meta l-bnedmin bdew joktru fuq l-art*
*u tweldulhom il-bniet,*
*raw ulied Alla li l-bniet tal-bnedmin kienu helwin*

*u 'l dawk li ghogbuhom haduhom b'nisa taghhom"*
*(Gen 6:l-2).*

Ulied Alla - skond dawn il-kittieba - huma l-angli. Kienu huma l-htija li d-dinja kellha tigi meqruda permezz tad-dilluvju. Kittieba kbar, bhalma huma **Origene, Klement ta' Lixandra u Tertulljanu** emmnu b'dan it-tifsir u ghallmu din id-duttrina. Minn dawn ir-rapporti bejn l-angli u t-tfajliet - inkomplu nsibu *fil-Ktieb ta' Enok* - twieldu l-gganti. Intant uhud minn dawn l-angli li waqghu, qabel ma gew ikkastigati, ghallmu lill-bnedmin it-teknika biex jaghmlu l-kosmetici u jahdmu l-okkult. Mill-gganti mbaghad twieldu d-demonji.

Wiehed jifhem malajr li din mhix ghajr fantasija.

Interpretazzjoni nteressanti u originali dwar id-dnub tax-xitan hija ta' **Herbert W. Armstrong** (19). Armstrong jghid illi fil-Genesi nsibu illi

*"Fil-bidu Alla halaq is-sema u l-art;*
*u kienet l-art tahwid u bahh" (Gen 1:1).*
Ma nistghux nimmaginaw li Alla halaq dinja mhawda, kaotika,

ghax

*"Alla mhuxAlla tad-dizordni, izda tas-sliem" (1* ***Kor 14:33).***

Fl-ahhar mill-ahhar jidher car mill-Genesi, li meta Alla halaq id-dinja, ra li kienet sabiha. U jkompli Isaija:

*"Alla hu, li sawwar l-art, ghamilha u wettaqha;*

*ma halaqhiex ghall-bahh;*

*sawwarha biex jghammru fiha" (Is 45:18).*

Mela d-dinja kienet bahh u kaotika qabel ma deher il-bniedem fuq l-art. U ladarba mhux Alla li halaqha hekk, sinjal li hu d-dnub li holoq fiha konfuzjoni. Imma... id-dnub ta' min? Id-dnub ta' l-angli; hu dan li gieb li-bahh, il-konfuzjoni fuq l-art! Fi ftit kliem, qabel il-konfuzjoni, l-art kienet populata bl-angli, fejn Lucifru kien l-amminstratur ewlieni li jirrapprezenta '1 Alla fuq din l-art. L-angli kienu governati minnu. Sa dak in-nhar, fuq l-art kien hemm paci u ferh.
Lucifru tkabbar u fl-istess hin imtela' ghira lejn Alla, u ghaqqad flimkien l-angli halli jaghmel gwerra lil Alla u hekk jibda jsaltan mhux biss fuq l-art imma wkoll fis-sema. Hu ried li jsir Alla. Minn Lucifru jsir Satana; l-angli jsiru demonji. U hekk terz ta' l-angli jinghaqdu mieghu u l-art issir konfuzjoni wahda. Dak li llum l-astronomi u l-geologisti jaraw, mhuwiex univers li qed jevolvi, imma t-tifrik ta' gwerra titanika li bdiet fl-ispazju mill-ispirti, gwerra li bdiet qabel ma' l-isess bniedem gie fuq l-art.
Ladarba gara hekk. Alla, f'sitt ijiem, rega' gedded il-wicc **ta'** l-art (ara *Ps. 104:30)* u ta lil Adam ic-cans li jiehu post Lucifru u l-art jamministraha hu.

Adam tilef ic-cans ghaliex minflok obda lil Alla, li riedu jamministra l-art, obda lix-xitan.

U allura Alla ppjana li jibghat fostna lil Kristu, biex ikun hu li jirrestawra kollox u jiehu f'idejh l-amministrazzjoni tad-dinja (ara Am *3:19-21).*

Meta Gesu gie fostna, Lucifru rega' dahal fl-istorja u did-darba l-proposta ghamilha lil Kristu u qallu jadurah. Imma Gesu ma waqax fin-nassa u keccih minn quddiemu (ara *Mt 4:10).* Gesu issa bi dritt hu l-amministratur tad-dinja. Ix-xitan tilef darba ghal dejjem postu.

Qabel ma naghlqu din il-parti dwar id-dnub tax-xitan, ta' min jghid kelma dwar l-idea originali u zbaljata ta' **Origene** dwar il-konverzjoni tax-xitan.

Fl-Iskrittura ghandna testi cari illi l-piena tax-xitan hija eterna. Hekk bhala ezempju San Mattew jghid:

*"Morru minn quddiemi, mishutin, fin-nar* ***ta'*** *dejjem*
***li*** *thejja ghax-xitan u l-angli shabu" (Mt 25:41).*
*"U dawn imorru fit-tbatija ta' dejjem*
*u l-gusti fil-hajja ta' dejjem" (Mt 25:46).* San Mark ukoll huwa car dwar dan:

"*... jahbatlek ahjar li tidhol b'id wahda fil-hajja*
*milli tmur b'idejk it-tnejn fl-infern,*
*fin-nar li ma jintefiex" (Mk 9:43).* U mill-gdid jirrepeti:
*"fejn id-dud taghhom majmutx ufejn in-nar ma jintefiex"*
*(Mk 9:48).*

U jekk dan mhux bizzejjed, ara x'jghid l-Apokalissi:
*"U d-duhhan tat-tbatija taghhom jitla' ghal dejjem ta' dejjem..." (Apok 14:11).*

Il-piena hija eterna: dwar dan mhemmx dubju:
*"Imbaghad id-Demonju, li kien qarraq bihom sab ruhu mwaddab fil-belliegha ta' nar u kubrit fejn hemm ukoll il-Bhima u l-profeta qarrieq, u jibqghu jbatu lejl u nhar ghal dejjem* ***ta'*** *dejjem" (Apok 20:10).*

Minkejja li l-Iskrittura hija daqshekk cara, fir-raba' seklu nsibu l-izball ta' **Origene** li jghid illi r-redenzjoni tfisser il-helsien universali ta' kulma jezisti. Kollox irid jirritoma mill-gdid lejn Alla, biex Alla jsir tassew is-sinjur ta' kollox u kulhadd (20). It-terminu tekniku li juza Origene huwa *apocatastasis,* kelma griega li tfisser *tigdid,* u mehuda mill-Atti:

*'...u hu jibaghtilkom il-Messija li ghazilkom,*

*li hu Gesu, li ghalissa ghandu jibqa' fis-sema*

*sa ma jsehh it-tigdid kollu li fl-imghoddi*

*semma Alla b'fomm il-profeti qaddisa tieghu" (Atti 3:20-21).* Minn dan it-test, interpretat hazin, Origene jitkellem dwar **il-**konverzjoni finali tax-xitan. Accettaw it-teorija ta' Origene **Didimus** ta' Alessandria u **San Girgor Nissenu. San Glormu** accettaha wkoll f'zghozitu, imma mbaghad iggieled

kontrieha. L-izball ta' Origene gie kkundannat fis-Sinodu ta' Kostantinopli fis-sena 543, approvat mill-Papa Vigilju (ara DS 411).

Id-definizzjoni principali dwar l-etemita ta' l-infern insibuha fil-Koncilju Ekumeniku Lateran IV tal-1215 (ara DS 801).
Il-Vatikan II jitkellem dwar in-nar etern fil-*Lumen Gentium* (7,48).

**Min huma u kif jahdmu bejniethom ix-xjaten?**

Minkejja li bosta mistoqsijiet dwar ix-xjaten huma ghalina minghajr twegiba u mhux dejjem naslu biex nifhmu perfettament in-natura, il-karatteristici u l-attivita taghhom sew bejniethom kif ukoll fostna, madankollu tajjeb li nippruvaw naraw izjed mill-qrib min huma u kif jahdmu bejniethom.

U nibdew biex nghidu illi

- *Ix-xjaten mhumiex l-ispirti tal-mejtin li jidhlu fil-bniedem.* Din kienet l-idea ta' **Guzeppi** l-istoriku Lhudi, li kien jahseb illi x. xjaten mhumiex ghajr l-ispirti tan-nies hziena illi jidhlu fil-bnedmin hajjin (21). Dan gej mill-influss tal-hsieb grieg, li m'ghandux bazi biblika.

- *Ix-xjaten mhumiex lanqas l-ispirti bla gisem tar-razza pre-Adamitika li kienet tghix fuq l-art qabel Adam.* L-idea li qabel Adam kien hawn fuq l-art razza ohra ta' bnedmin hija fantasija biss (22). Din it-teorija taghmel distinzjoni bejn "angli" u "spirti". Imma fil-Bibbja dawn iz-zewg termini huma wzati diversament. Difatti xi drabi l-kelma spirti hija wzata ghall-angli (ara *Ps 104:4; Lhud 1:14)* u kultant ukoll ghall-istess bniedem (ara *Mt 18:10; Atti 12:15).*
  It-tifsira klassika griega tal-kelma "demonju" li tfisser "l-ispirti tajbin tal-mejtin ta' l-era tad-deheb" - kif insibuha bhala ezempju **fEsijodu** (23) - hija kompletament diversa min dik biblika.

- *Ix-xjaten mhumiex l-ulied li twieldu mir-rapport bejn l-angli u n-nisa fi zmien ta' qabel id-dilluvju.* Kif diga ghedna, din kienet it-teorija li harget mill-interpretazzjoni zbaljata ta' *Gen 6:2* u nsibuha *fil-Ktieb ta' Enok.* Hija teorija **li** ma taqbilx mal-hsieb bibliku.

- *Ix-xjaten huma essri spiritwali:* mela m'ghandhomx gisem u lanqas materja. *"L-ispirtu m'ghandux laham u ghadam" (Lk 24:39).* Madankollu huma jagixxu fuq il-gisem tal-bniedem, kif ukoll fuq ir-ruh u l-ispirtu. Jistghu jidhlu fil-gisem jagixxu bih u jitkellmu minnu; f'xi kazijiet ukoll jippossessawh. San Pawl jghid illi l-battalja taghna mhix kontra d-demm u l-laham imma kontra l-ispirti (ara *Ef6:12).*

Hekk ukoll isejhilhom San Gwann fl-Apokalissi (ara *16:14).*

- *Ix-xjaten huma personalitajiet.* Il-fatt li m'ghandhomx gisem, ma jfissirx li m'ghandhomx il-personalita u l-individwalita taghhom. Meta dinbu, kull wiehed minnhom ghamel ghazla **li** kienet tiddependi minnu biss.

Huma jagixxu... jitkellmu... jahsbu... (ara Am *19:15,16)* ukoll iekk dan jaghmluh permezz tal-gisem tal-bniedem bhala *medium.*

- *Ix-xjaten huma invizibbli* - ma jidhrux. Ahna ma nistghux naqbduhom bis-sensi taghna, sakemm Alla, permezz ta' miraklu, ma jippermettix li lix-xitan narawh f'libsa u dehra li tkun tista' tolqot is-sensi taghna (ara *Apok 9:l-12; 16:13-14).*

- *Ix-xjaten huma intelligenti.* L-intelligenza nistghu nqisuha bhala l-karatteristika principal! tax-xitan. *Intelligenti iva,* imma *mhux... onnixjenti jigifieri,* ma jafux kollox. Per ezempju huma ma jafux u ma jaghrfux l-intimu tal-bniedem, jigifieri hsibijietu u d-dispozizzjoni tal-volonta tieghu. Il-"jien" tal-bniedem hu impenetrabbli. Il-Madonna, l-angli u l-qaddisin jaslu biex jaghrfu l-intimu tal-bniedem minhabba li, ghaliex igawdu l-vizjoni beatifika, jaraw f'Alla r-realta tal-bniedem (24).
Fuq din l-art, wiehed jaghraf l-intimu ta' l-iehor b'don specjali minn Alla. Hekk jigri per ezempju meta persuna qaddisa taqra l-istat interjuri tieghek.
Ix-xitan jasal biex jaghraf hafna minn hsebijietna Jew l-istat interjuri taghna semplicement ghaliex "jaqta"' minhabba l-makakkerija tieghu. Hekk bhala ezempju ghalliem fl-iskola kapaci "jaqta"' xi jkun jahseb student minn atteggjament li jkun qed juri esternament. Tabib ukoll, minhabba x-xjenza u l-esperjenza medika, kapaci jghidlek kemm-il marda baqaghlha zmien biex tfiq. Waqt *counselling* wiehed kapaci wkoll jara minn semplici atteggjamenti l-istat tal-klijent. Dan kollu imam ma jfissirx "taqra" l-intimu, imam jfisser "taqta"' dak li persuna tkun ghaddejja minnu, minhabba l-esperjenza li jkollok. Jekk dan nghiduh ghall-bniedem, nghiduh izjed u izjed ghax-xitan , li hu spirtu intelligenti.

Jibqa' fatt pero li x-xitan ma jaghrafx il-parti l-kbira tal-hsebijiet, sentimenti u ghazliet li jaghmel il-bniedem. Ta' min jghid ukoll li x-xitan ma jaghrafx id-dnubiet kollha li l-bniedem iwettaq; jaghraf biss dawk li jsiru bhala rizultat tat-tentazzjoni tieghu f'dik ic-cirkustanza li jkun qed jittantak. Ekku ghaliex pastoralment huwa zbaljat li nbezzghu lit-tfal billi nghidulhom illi meta jaghmlu d-dnub ix-xitan jidhol fihom!
Id-dnub veru, jiftah il-bieb berah ghax-xitan, imma dan ma jfissirx li ma' kull dnub ix-xitan jidhol fija.
Meta wiehed jaghmel id-dnub mejjet, jitlef il-grazzja santifikanti, imma Alla jibqa' dejjem fina bhala Hallieq u Missier. Id-dnub isir ostaklu biex Alla jahdem il-helsien tieghu fija; insiru wkoll izjed vulnerabbli; niddghajfu biex naghmlu t-tajjeb. Naturalment, meta x-xitan jara sitwazzjoni bhal din, allura hu jippressa izjed biex igeghlna nirrepetu d-dnub u ma niggranfawx ma' Alla ghall-mahfra. Dan kollu jaghmlu ghaliex il-kundizzjoni tal-midneb taghtih vantagg, imma b'daqshekk ma jfissirx li jista' jidhol fir-ruh tieghi. Ir-ruh hija dominju assolut ta' Alla wahdu.
Hag'ohra rigward il-gisem: hawn ix-xitan *jista'* jidhol. Imma dwar dan nitkellmu aktar 'il quddiem.

Bhala spirtu, huwa bil-hafna superjuri ghal kull haga materjali (25). Moghni b'intelligenza verament kbira (26), huwa ghandu taghrif u xjenza profonda, li fih hija naturali u mhux akkwistata b'xi studju jew sforz (27). Huwa jaghraf kull ma hu mahluq (28) u l-futur li johrog minnu (29). U ghaliex m'ghandux bzonn jirraguna, jew jikkalkula, huwa jaghraf mill-ewwel il-verita b'dak kollu li jirrizulta minnha. Dan ifisser li hu ghandu konoxxenza perfetta tal-ligijiet fizici u tal-psike umana u tal-

holqien kollu. Quddiemu huwa car il-passat kollu u l-istorja bid-dettaiji taghha, sew dik universali kif ukoll dik personali ta' kull bniedem. Ghaldaqstant huwa jista' jipprevedi minghajr sforz kull grajja li tiddependi mil-ligijiet fizici (30). Minkejja din l-intelligenza kollha, nirrepetu, li mhuwiex *onnixjenti,* jigifieri mhux hlejqa li tasal biex taghraf kollox.

- *Ix-xitan mhux onnipotenti* - setghan iva imma mhux kapaci ghal kollox. Minhabba n-natura tieghu ta' spirtu intelligenti (31), huwa ghandu setghat tassew kbar u jista' jwettaq hafna ghegubijiet (32).
  Bhala ezempju, jista' jikkawza l-fenomeni kollha naturali (33) nghidu ahna x-xita, tempesta, terremot.

Jista' wkoll ibaghbas fis-sensi interni (intelligenza, fantasija, memorja...) u dawk esterni (hars, smigh, kliem...) tal-bniedem (34). Dawn is-setghat mhumiex kollha l-istess fix-xjaten, imam jvarjaw skond il-perfezzjoni ta' kull wiehed.

Bla dubju ta' xejn, il-qawwiet li ghandu Satana, il-kap, huma xi haga li tghaggbek meta nikkunsidraw illi l-qawwiet ta' l-inqas fost ix-xjaten jissuperaw, minghajr paragun, il-qawwiet ta' kull realta korporali, jigifieri ta' kull bniedem (35).

Naturalment, dawn is-setghat u qawwiet ma jghinux lix-xjaten biex ikunu izjed ferhanin; anzi dawn il-qawwiet iservu ghal izjed disperazzjoni u turment taghhom (36).

U minkejja dan kollu, ix-xitan huwa limitat. U din il-haga tqajjem fih rabja kbira. Ihossu tassew umiljat talli, minkejja kollox, ikollu mbaghad ibaxxi rasu quddiem semplici gest tas- Salib, jew l-uzu ta' l-ilma mbierek.

Minkejja l-hekk imsejjah kobor tieghu, hu wkoll ikollu jbaxxi rasu quddiem Kristu, li rebhu fuq is-Salib (ara *Fil. 2:10).*

- *Ix-xitan mhux onniprezenti* jew ahjar ma jinsabx kullimkien. Bla dubju, inkwantu huwa spirtu, mhux marbut ma' l-ispazju, imma ma jinsabx kullimkien. Il-prezenza tieghu hija marbuta ma' l-attivita li jwettaq.

Wiehed ghaldaqstant m'ghandux jahseb li x-xitan jinsab dejjem magenbna. Mhuwiex il-kontrofigura ta' l-Anglu Kustodju. Certament, huwa jista' jkun f'post u mbaghad jghaddi ghal post iehor f'tebqa ta' ghajn, imma huwa u jibqa' dejjem limitat fil-prezenza tieghu f'diversi postijiet.

**Tezisti Gerarkija bejn ix-xjaten?**

Mhix l-ewwel darba li staqsewni kif nahsibha dwar dan. Hemm gerarkija bejn l-ispirti hziena? Jezistu xjaten illi huma inqas intelligent! minn ohrajn? Hemm awtorita bejniethom? Minkejja r-ribelljoni lejn Alla li tinsab fihom ilkoll juru rispett lejn

xulxin? Jammettu bejniethom xi tip ta' awtorita? Kif tispjega certu ftehim u ghaqda bejniethom?

Il-farizin kienu jemmnu li fost ix-xjaten hemm ukoll il-kap taghhom (ara *Mt 9:34;* 72:22). Il-Mulej ma jopponix ghal din l-idea u jitkellem hu stess minn "nazzjon" u "saltna" fid-dinja satanika; dan ifisser jew ahjar jimplika li fosthom hemm certa gerarkija. F'Mattew 25:41, Gesu jitkellem min *"nar imppreparat ghal Satana u l-angli tieghu".* Anki fl-Apokalissi S. Gwann jitkellem mid- *"dragun u l-angli tieghu" {12:7).* San Pawl imbaghad jitkellem minn *"setghat, qawwiet, princpijiet ta' din id-dinja ta' dlamijiet" {Ef. 6:1l-12).*

Il-Psewdo-Dionigi, awtur tas-seklu VI, qassam fi tliet kategoriji il-gerarkija ta' l-angli, li flimkien jiffurmaw id-disa' kori:

*troni, kerubini, serafini*

*qawwiet, virtu, dominazzjonijiet*

*angli, arkangli, principali.* **Hija** din lista li ghal zmien twil **baqghet klassika fit-tradizzjoni** Nisranija- Il-Medju Evu identifika lil dan l-awtur ma' Dionigi li kien ikkonvertit minn San Pawl f'Ateni (ara *Atti 17:34),* u ghaldaqstant ta importanza kbira lil din il-gerarkija angelika.

Certament, il-binja ta' dawn il-kori angelici hija binja poetika u filosofika, biblika u mistika, imma l-bazi ta' gerarkija bhal din hija bbazata izjed fuq fantasija (37).

Mill-esperjenzi li ghandi f'diversi ezorcismi.jidher li hemm gerarkija bejn ix-xjaten u ubbidjenza - jekk qatt tista' ssejhilha hekk - lejn il-kap jew kapijiet taghhom. Imma kif qatt nistghu nitkellmu minn ubbidjenza fis-saltna satanika?

Hawn iwegibna d-Duttur *San Tumas d'Aquino* meta jghidilna illi l-ghaqda li hemm bejn ix-xjaten, ghaqda li gejja mill-ubbidjenza ta' whud lejn ohrajn, m'ghandhiex l-gheruq fl-imhabba ta' bejniethom, imma gejja mill-istess mibeghda li ghandhom lejn il-bnedmin u lejn Alla. Difatti hija karatteristika ta' l-istess bnedmin hziena li jinghaqdu flimkien u jissoggettaw ruhhom lejn dawk li ghandhom setgha ikbar fuqhom (38). Dan nifhmuh izjed jekk per ezempju naraw kif il-membri tal-Mafja jobdu lill-kap taghhom. M'hijiex ubbidjenza hierga minn rispett, imma ubbidjenza hierga minn mibeghda, biza' u interessi personali.

## In-Numru tax-Xjaten

Mal-medda tas-snin, it-teologi dejjem staqsew kemm jista' jkun kbir in-numru ta' l-angli hziena. Hija domanda pero li zgur qatt ma jista' jkollna twegiba cara u certa ghaliha.

Nimmaginaw pero li n-numru taghhom ilahhaq il-miljuni u forsi wkoll il-miljardi. Meta nikkunsidraw li n-numru tal-kwiekeb ilahhaq eluf ta' miljardi, kif ukoll in-numru ta' varjeta ta' hxejjex, annimali u minerali huwa numru fenomenali, biex ma nsemmux il-miljardi fuq miljardi ta' bnedmin li ezistew, jezistu u ghad jezistu, allura jkollna nikkonkludu li n-numru ta' angli mahluqin minn Alla hu wkoll numru astronomiku, b'konkluzjoni li sew dawk tajbin kif ukoll dawk hziena huma tassew hafna (39).

F'xena ta' l-Apokalissi jinghad illi l-ghadd ta' l-angli kien "ghexur ta' eluf, u eluf ta' eluf *(Apok 5:11).*

## L-Ismijiet tax-Xjaten

L-origni tad-diversi ismijiet li bihom inlaqqmu lix-xjaten jista' jkollu gherq f'kulturi diversi u tradizzjonijiet antiki. Bosta minn dawn l-ismijiet gew minn religjonijiet ohrajn, kulturi wkoll pre-biblici, riti magici, komunikazzjonijiet ma' spirti f'sessjonijiet medjanici, sessjonijiet ta' ezorcizmi (veri jew foloz), folklor, produzzjoni artistika u letterarja ecc. (40).

Biex naghtu xi ezempju:

- **Asmodew:** "l-aghar fost ix-xjaten", assassin ta' l-ewwel seba' rgiel ta' Sara (ara *Tobit 3:8-17; 6:14; 7:11; 8:5).*
- **Is-Sedim:** origni babilonika; lilhom kienu jigu offruti t-tfal (ara *Dewt 32:17; Sal 106:37).*
- **Is-Se'lrim:** ix-xitan-moghza, li kien jghasses 'il fdal ta' Babilonja u Edom (ara *Lev 17:7. 2 Re 23:8; 2 Kor 11:15; Is 13:21; 34:14).*
- **Lilit:** ix-xitan-mara tal-lejl (ara *Is 34:14).*
- **Azazel:** li ghandu kien jintbaghat il-bodbod espjatorju (ara *Lev 16:8.10.26)* (41).

Certament l-ismijiet tax-xjaten huma ismijiet li tahomlhom il-bniedem u mhux ismijiet li bihom humajsejhu lil xulxin. Wiehed majridxjinsa li dawn huma spirti.

## Il-Wicc tax-Xitan?

Satana huwa spirtu pur (jigifieri minghajr tahlita ma' dak li materjali). Bosta drabi l-letteratura u l-arti tawh aspett fiziku u pingewh bhala nofs bniedem u nofs annimal. Il-bniedem ghamel dan biex juri l-kruha li hemm fih; id-degradazzjoni tieghu wara li hadha mal-Mulej. Il-kruha tieghu pero mhix dik fizika - ghax huwa spirtu - imma hi dik spiritwali: distanza minn Alla Hallieq. Ir-rapprezentazzjoni li naghtuh ahna - qrun, denb, gwienah ta' farfett il-leji... - hu kollu rizultat ta' immaginazzjoni u fantasija li pero turi fil-fond li dak li xtaq ikun isbah minn Alla spicca biex sar hlejqa li tbezza' u tqazzes (42).

## Fejn jinsabu x-xjaten?

Qabel ma nwiegbu ghal din il-mistoqsija, irridu nzommu f'mohhna li x-xjaten, ghaliex huma spirti, m'ghandhomx spazju determinat fejn jinsabu.
Meta nghidu li x-xitan jinsab f'post jew f'persuna nkunu biss qed nifhmu li jkun qed jagixxi u jahdem f'dak il-post jew f'dik il-persuna. Il-prezenza tieghu mhix bhalma hi l-prezenza ta' persuna umana, jew anki ta' l-istess ruh umana. Huwa qawwa li topera fil-mohh jew fil-qalb jew fil-gisem jew f'parti minnu. Kultant bhala ezempju l-ezorcista jghid li l-ispirtu jinsab jew qed jippossiedi r-ras jew l-istonku. Imma dan ifisser biss li l-ispirtu jkun qed jahdem f'dik il-parti tal-gisem. Hafna jistaqsu kif jista' jkun li spirtu hazin jghix jew jghammar ma' spirtu tajjeb, li f'dan il-kaz hu l-ispirtu s-Santu. Inkunu allura qed nitkellmu daqslikieku dawn qed jokkupaw l-istess kamra fl-istess hin. Dan hu lingwagg wisq uman li ma jghoddx ghad-dinja spiritwali. Huma qawwiet spiritwali li jistghu facilment jagixxu fl-istess hin ghalkemm b'mod divers fuq u fl-istess suggett (43).

Diversi teologi u awturi jahsbu u jikkonkludu illi Alla lil x'uhud mix-xjaten tefaghhom definittivament fl-infem mentri lill-ohrajn ikkastigahom billi halliehom

jiggerrew fost il-bniedmin f'dinja materjali. Ghal spirtu, li jigi marsus - biex nuzaw lingwagg li jiftihem -fil-materja, hija umiljazzjoni. Madankollu huma mimlijin mibeghda, jippreferu din l-attivita malefika fost li-bnedmin biex minghalihom jivvendikaw ruhhom minn Kristu Forsi ghalhekk li lil Gesu talbuh li ma jibaghthomx l-infern imma fil-qzieqez. Fi kliem iehor, ma xtaqux imorru definittivament l-infern. Mal-gudizzju, allura ma jkollhomx izjed cans li jaghmlu dil-hidma, imma jispiccaw definittivament fil-post mahluq ghalihom: l-infern (44).

Tajjeb li ma ninsewx li turment kbir ghax-xitan hu meta jara n l-hidma tieghu fostna bosta drabi tispicca biex lill-bniedem aktar tressqu lejn Alla milli tbieghdu. Alla jaf johrog it-tajjeb mill-hazin. Hekk per ezempju naraw li jigri f'hafna qaddisin u erwieh tajba.

Jghidilna u jiccaralna San Tumas d'Aquino: "Kull hidma ghall-helsien tal-bniedem iddum sal-jum tal-gudizzju: ghaldaqstant il-ministeru ta' l-angli tajbin u t-tentazzjonijiet min-naha tax-xjaten idumu sa dak il-mument. Mela sa dak iz-zmien l-angli jkomplu jigu mibghuta fostna u x-xjaten jibqghu f'din l-atmosfera mahmuga biex igarrfuna: u dan filwaqt li mhux ftit minnhom jinsabu diga fl-infern biex jitturmentaw lil dawk li huma stess wasslu ghall-hazen; l-istess kif bosta angli tajbin jinsabu diga fis-sema ma' l-erwieh qaddisa. Imma, wara jum il-gudizzju, il-hziena kollha, sew bnedmin kif ukoll xjaten jigu mibghuta fl-infem; u hekk it-tajbin, fil-genna" (45).

## Il-Karattru tax-Xitan

Minn dak kollu li ghedna s'issa, facli wiehed johrog il-karattru tax-xitan. Ix-xitan huwa

- **Qawwi:** ninsabu taht is-setgha tieghu, jekk ahna nitilqu '1 Alla (ara *Atti 26:18).* Jattakka l-mohh u jgib dubji, biza' u mibeghda. Fil-Bibbja nsibuh jimmanipola nazzjonijiet (ara *Dan 10),* mexxejja (ara *1 Tess 2:18),* iqajjem rewwixti (ara *Gw 8:44.59)* u l-istess elementi tan-natura (ara *Mk 4:39).* Huwa qawwi u b'sahhtu u naghmlu hazin jekk nihduh bic-cajt! Hu l-isem ta' Gesu li jbezzghu. Mill-bqija, ma jbezzghu xejn!

**Vjolenti:** il-vjolenza hija karatteristika tax-xitan u din tidher specjalment fil-persuni li jkunu possessati (ara *Mk 5:3, Lk 4:35).* Bosta drabi mara dghajfa waqt sessjoni ta' ezorcismu tohrog minnha sahha li qajl sitt irgiel jimexxilhom izommuha. Din hija l-esperjenza komuni ta' l-ezorcisti kollha. Apokalissi (ara *2:10)* jurina lil Satana jwaddab in-nies fil-habs. Wiehed jinnota li meta f'nazzjon Alla jitwarrab fil-genb, il-vjolenza ssir komuni u generali.

**Intelligenti:** u dan ghednieh diga diversi drabi. Imma l-intel-ligenza tieghu jonqsilha l-originalita, ghaliex kontinwament jikkopja lil Alla. Ma johloqx sitwazzjonijiet imma jipprova jkisser ujiddistruggi. Mhux ta' xejn li hu miaqqam *"ix-xadina t'Alla".* Imma ghalkemm mhux originali, is-setghat mentali tieghu huma enormi. Huwa malizzjuz, brikkun. Mhux ta' xejn li San Pawl jghidilna li hemm bzonn inkunu l-hin kollu lebsin l-armatura ta' Alla biex inkunu nistghu niggieldu kontra t-tnassis tieghu (ara *Ef 6:10-17).* Attenti: ghax ghalih hu facli jaqbadna bhal ghasafar go xibka (ara 2 *Kor 2:11; 1 Tim 2:26; 1 Tim 3:7).*

**Giddieb:** Gesu stess isejjahlu "missier il-gideb" *(Gw. 8:44)*. Ghandu habta kif ihajrek ghad-dnub. Bizzejjed taqra r-rakkont tal-Genesi. Post l-ikbar gidbiet tieghu nsemmu dik li jipprova jikkonvincik illi hu ma jezistix. Imbaghad imexxik lejn il-mentalita illi, ladarba inti bniedem liberu, allura ghandek kull dritt ghal-liberta tal-hsieb, il-liberta ta' l-espressjoni u l-liberta fl-imhabba.

Gidba ohra hija dik li minnha jitkellem San Pawl mal-komunita ta' Tessalonika (ara *2:9)* meta jghidilhom: *"il-Hazin ghad jigi bil-qawwa tax-xitan, jaghmel kull xorta ta' mirakli u sinjali u ghegubijiet foloz."*. Hu importanti li wiehed jiccekkja sewwa minfejn ikunu gejjin l-ghegubijiet: jekk hux minn Alla jew mix-xitan. Ftakar illi mqar is-shahar tal-Farghun ta' l-Egittu wettqu l-ghegubijiet li wettaq Mose. L-istess twissija jaghtihielna San Gwann fl-Apokalissi (ara *13:12-15)*.
Mhux ta' xejn li n-nisrani awtentiku kontinwament hu affrontat minn taghlim qarrieqi, appostli foloz u ahwa qarrieqa fil-Knisja (ara 2 *Piet 2:1; 2 Kor 11:13; Gal 2:4)*. Din it-twissija tahielna Gesu nnifsu (ara *Mt 24:24)*.

- **Jista' jidhol fil-bniedem:** hekk dahal f'Guda l-Iskarjota (ara *Lq 22:3; Gw 13:27)*. Hu ghalhekk li San Pawl jghidilna biex *"ma naghtux wisa' lix-xitan" (Ef 4:27)*. Ix-xitan dahal f'Ananija u hataflu qalbu (ara *Atti 5:3)* u meta jigri dan allura l-persuna ssir *"iben ix-xitan" (Atti 13:10)*.

- **Jiddomina:** ix-xitan jipprova kontinwament jikseb il-poter u t-tron li jmiss lil Alla biss. Ghalhekk isieheb mieghu persuni (satanisti) biex jghinuh fil-glieda tieghu kontra Alla.

**Persistenti:** bizzejjed wiehed josserva lix-xitan jittanta lil Gesu. Wara li ma rnexxilux igarrbu, jitilqu *"sa ma jasal il-Waqt"* (achri kairou) *{Lq 4:13)*. Ma qatax qalbu... u kompla jittantah tul hajtu kollha biex jiddistrahih mill-missjoni messjanika tieghu. Ikompli sa l-ahhar, imqar meta kien fuq is-salib, jisfidah: *"Intel minn fuq is-salib u salva liiek innifsek" (Mk 15:30)*. Il-ktieb ta' l-Apokalissi huwa car hafna dwar id-dragun persistent! biex jigbed lil kulhadd ghal warajh.

**Bezzieghi:** minkejja kollox, pero, ix-xitan huwa bezzieghi. Hu jibza' mill-isem ta' Gesu, li rebhu fuq is-salib. Jibza' wkoll

minn dawk **li** f'isem Gesu jiqfulu: *"Ieqfu lix-xitan, u hu jahrab minnkom" (Gak 4:7).* Hu ghadu mirbuh (46).

**Jemmen:** ix-xitan jemmen, imma l-fidi tieghu tilhaq biss il-mohh u mhux il-qalb. *"Inti temmen li Alla huwa wiehed, u taghmel sew. U dan ix-xjaten ukoll jemmnuh u jitrieghdu" (dak 2:19).* Jemmnu li Gesu huwa l-Mulej, imma mhumiex lesti li jafdaw fih u inqas u inqas li jaccettawh bhala l-Mulej taghhom, minkejja li jaghrfu l-awtorita tieghu. *"Gejt biex teqridna? Jien naf min int: il-Qaddis ta' Alla"(Mk 1:24; 5:6-7).* Huma jemmnu li Gesu gie fost il-bnedmin, sar bniedem u gieb il-fidwa (ara *1 Gw 4:l-6).* Kontinwament jippruvaw ifarrku d-duttrina vera (ara 7 *Tim 4:l-3).* Jafu jiddixxernu bejn dawk li ghandhom is-sigill t'Alla u dawk li m'ghandhomx (ara *Apok 9:4).* Fuq kollox, huma jaghrfu wkoll id-destin tragiku taghhom u l-kundanna dejjiema: *"Ahna x'ghandna x'naqsmu. Bin Alla? Gejt hawn biex tahraqna qabel iz-zmien?" (Mt 8:29)* (47).

**Esagerazzjonijiet**

Noqoghdu attenti ftit minn certi esagerazzjonijiet li nsibu f'xi awturi, sew mhux kattolci kif ukoll kattolci. Naghtu lista qasira ta' whud minn dawn l-esagerazzjonijiet. Fost dawn insemmu x'uhud, li jsemmihom ukoll il-*Kard Suenens* (48). Xi awturi protestanti jghidu li hafna mill-mard huwa prova cara li persuna hi mahkuma minn spirti hziena. Fost il-mard jissemma: nuqqas ta' rqad, mard tal-qamar, fits, bukghawwieg, ugigh ta' ras, azma, sinusite, tumuri, ulcera, trombosi koronarja, artrite, paralizi, nuqqas ta' smigh, nuqqas ta' dawl...

Dawn huma ideat li m'ghandniex inzommuhom, ukoll jekk nammettu li x-xitan jipprova xi drabi jattakka anki l-gisem tal-bniedem.

M'ghandniex lanqas naghtu kas ta' dawk li jaghtuna listi ta'



ismijiet ta' xjaten, daqslikieku dawn huma mqassmin f'kategoriji differenti kollha bl-isem taghhom. Diga ghedna li l-ismijiet li naghtuhom mhumiex reali daqskemm simbolici, biex juru l-attivita specifika taghhom.

Issib ukoll uhud li jitkellmu mill-organizzazzjoni tax-xjaten daqslikieku dawn kienu l-Armata ta' l-Istati Uniti *bil-Commander-in-Chief,* generali, kurunelli, magguri, kaptani, *lieutenants* ecc. Huma kollha fantasiji tal-mohh!

Meta wiehed jitkellem dwar il-karattru, attivita u hajja tax-xjaten, facli li naqghu f'certi konkluzjonijiet ibbazati fuq il-fantasija u l-immaginazzjoni. Qed nittrattaw hawn minn spirti u minn dinja spiritwali li ahna m'ghandniex esperjenza diretta taghha.

Facli allura li wiehed imur f'estrem jew iehor: Jew tarmi kollox jew jidhirlek li tista' tifhem kollox.

Ma ninsewx li bosta twegibiet f'dan il-kaz ma jistghu jaghtuhomlna la l-filosofija u x-xjenzi naturali u lanqas l-argumentazzjoni umana. Hija l-Iskrittura biss li tista' twegibna ghalihom.

U bosta twegibiet lanqas hawn ma nsibuhom daqshekk cari, precizament ghaliex id-duttrina centrali hija dik dwar Kristu:

Feddej u Hellies taghna.

———————0—————